# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Hamis 21 ta' Marzu, 2002

## Avviz numru : 20/2002GT(GM)

**David Axiaq**

**vs**

**Joseph Mercieca**

**It-Tribunal**

**Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:**

**"Peress illi fuq inkarigu tal-konvenut, l-attur ghamel tiswijiet fuq zewgt vetturi tal-konvenut bin-numru VIG 001 tal-marka Seat Ibiza, u tiswijiet ohra fuq trakk Pick Up, u provda parts u materjal, relattivi.**

**Peress illi l-kont ghal dawn it-tiswijiet jammonta ghas-somma ta' mija u sebgha u disghin liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm 197.75) uniti mas-somma ta' disgha u ghoxrin liri Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm 29.66) VAT fuq l-istess kont.**

**Peress illi minkejja diversi wieghdi ta' pagament u minkejja diversi interpellazzjonijiet, l-konvenut baqa' ma hallasx dan l-ammont**

**Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex ma ghandux jigi kkundannat minn dan it-Tribunal li:**

1. **Jhallas lill-attur is-somma ta' mija u sebgha u disghin liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm 197.75) kif ukoll is-somma ta' disgha u ghoxrin liri Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm 29.66) VAT fuq l-istess.**

2. **Jhallas l-imghaxijiet skond il-ligi mit-30 ta' Mejju 2002 sad-data tal-hlas effettiv.**

**Bl-ispejjes kollha inkluzi Lm 5 spejjes ta' l-ittra interpellatorja spedita fis-6 ta' Frar 2002. Bl-ingunzjoni tal-konvenut minn issa ghas-subizzjoni."**

**Ikkunsidra:**

**Illi fis-seduta tat-13 ta’ Marzu 2002 dehru l-partijiet u, wara li l-konvenut ammetta t-talba, talbu lil dan it-Tribunal biex jghaddi ghas-sentenza fit-termini tat-transazzjoni minnhom milhuqa u redatta quddiemu fl-istess seduta;**

**Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa’ t-talba tal-attur u jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta’ LM227.41c prezz ta’ parts iddestinati ghal u tiswijiet fuq vetturi tal-konvenut, bl-imghax kummercjali mid-data ta’ din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas-6 ta’ Frar 2002, b’dan illi din is-sentenza tkun esegwibbli biss fi zmien xahar millum.**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Gudikatur**
**(ft) Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**